



EESC info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

February 2022 | MT

EDIZZJONI SPEĠJALI KESE info – Premju tas-Soċjetà Ċivili 2021

The Grassroots View – Sta?un 3 Episodju 16 – A?dar, kemm in?obb l-a?dar

Tranżizzjoni ġusta u ekoloġika hija possibbli biss bil-kontribut tas-soċjetà ċivili. In-nies u l-organizzazzjonijiet madwar l-UE huma ddedikati għall-iżvilupp ta' modi innovattivi u ffukati fuq in-nies għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Fl-2021, il-KESE ddeċieda li jagħti l-Premju tiegħu għas-Soċjetà Ċivili lil ħames organizzazzjonijiet li jikkontribwixxu bil-kbir biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima. F'dan l-episodju ta' The Grassroots View (il-fehma tal-organizzazzjonijiet lokali), stedinnhom biex jgħidulna l-istess tagħhom.

Cillian Lohan, Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni, jispjega għaliex huwa kruċjali li ma tiġix injorata l-azzjoni klimatika fuq il-post minn għadd kbir ta' individwi u komunitajiet. **Guy de Koninck**, f'isem l-assoċjazzjoni rebbieħa tal-ewwel premju, Grootouders voor het klimaat (BE), jagħtina aktar informazzjoni dwar il-proġett "It-Tfaddil Tagħna għall-Futur", u l-isforzi tagħhom biex jippromwovu s-solidarjetà interġenerazzjonali. **Monica Guiteras**, kelliema tal-organizzazzjoni Spanjola rebbieħa tat-tieni premju, Engineers without Borders in Catalonia (ES), titkellem dwar il-ġlieda tagħhom kontra l-faqar enerġetiku billi jgħinu lil dawk li jinsabu f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku jesprimu lilhom infushom u jsemmgħu leħnhom. **Costin Dragne**, jitkellem dwar il-proġett "educlick" li tmexxi l-NGO Rumena Workshop Without Borders, li tippromovi l-ekonomija ċirkolari u tindirizza l-inġustizzja soċjali. **Zala Velkavrh**, f'isem l-istudju urban "Prostorož", li jiġġieled il-problema taż-żieda fit-temperaturi f'Ljubljana, is-Slovenja, titkellem dwar il-proġett kreattiv tagħhom li permezz tiegħu l-NGO rebħet dan il-premju. Fl-aħħar nett, **Madis Vasser**, f'isem il-kolizzjoni ta' NGOs ekoloġiċi fl-Estonja, jitkellem dwar l-isforzi tagħhom biex gruppi ta' interess differenti jingħaqdu madwar mejda biex jiddiskutu t-tranżizzjoni tal-pajjiż miż-żejt tax-shale għal enerġija aktar ekoloġika, mingħajr ma ħadd jitħalla jibqa' lura. (tk/ll)

This page is also available in:

- [ES](#)
- [BG](#)
- [CS](#)
- [DA](#)
- [EN](#)
- [DE](#)
- [ET](#)
- [FR](#)
- [EL](#)
- [GA](#)
- [HR](#)
- [IT](#)
- [LV](#)
- [LT](#)
- [HU](#)
- [NL](#)
- [PL](#)
- [PT](#)
- [FI](#)
- [RO](#)
- [SK](#)
- [SL](#)
- [SV](#)

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL



Editorjal

KUN PARTI MIS-SOLUZZJONI, U MHUX PARTI MILL-PROBLEMA!

Għeżież qarrejja,

Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili l-iżjed reċenti kien iddedikat għal tema li huwa partikolarment importanti għalija – l-azzjoni klimatika. Wieħed għandu jassumi li illum il-ġurnata ir-realtà tal-kriżi klimatika saret fatt ovvju għal kulħadd u li d-dinja kollha ngħaqdet biex tistinka biex tevita l-qerda tagħha stess. Iżda għalkemm saru ħafna sforzi f'din id-direzzjoni, għad m'aħniex qed nagħmlu biżżejjed.

Huwa għalhekk li huwa importanti li nkomplu ntenu li t-tibdil fil-klima qed jersaq lejn il-punt fejn ma hemmx triq lura u jista' jhedded l-eżistenza tad-dinja kif nafuha.

Huwa għalhekk li qatt ma nista' nieqaf nisħaq dwar kemm huwa importanti li ngħaqqu l-forzi kollha tagħna biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima. U hija responsabbiltà li ħadd minnha ma jista' jaħrab minnha.

Il-KESE jemmen li s-suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew – li jimpenja lill-UE tikseb in-newtralità klimatika sal-2050 – jiddependi mill-azzjoni u l-impenn mill-atturi kollha. L-organizzazzjonijiet lokali u l-individwi għandhom rwol kritiku biex jgħinu għal bidla fin-normi u fl-imġiba, biex l-ekonomiji lokali jsiru aktar ekoloġiċi jew biex imexxu t-tranżizzjoni fil-livell lokali jew reġjonali.

Billi jiddedika l-Premju tas-Soċjetà Ċivili tal-2021 lill-azzjoni klimatika, il-KESE xtaq jonora u jixħet dawl fuq l-isforzi klimatiċi mhux statali li saru s'issa.

Fittixna r-rebbierħa minn fost proġetti li jsostnu tranżizzjoni ġusta u ekoloġika lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju. L-oġettiv kien li nħeġġu proġetti attwali u nispiraw uħud ġodda, u nemmen li dan l-għan ilħaqnieh!

Irċevejna rikkezza ta' ideat li jagħtuna tama li forsi nistgħu nirbħu din il-battalja. Irċevejna proġetti mill-irkejjen kollha tal-Ewropa fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima b'modi ta' ispirazzjoni u kreattivi. Ma kienx faċli li jintgħażlu r-rebbieħa u nħossu li kull wieħed mill-kandidati tagħna jistħoqqlu rikonoxximent. Tistgħu taqraw iktar dwarhom fil-fuljett tagħna ddedikat għall-premju ta' din is-sena.

Iddeċidejna li nippremjaw ħames proġetti, il-ħamsa li huma impressjonanti bil-mod tagħhom, u li jindirizzaw uħud mill-kwistjonijiet l-iżjed urġenti li qed niffaċċjaw meta nitkellmu dwar it-tranżizzjoni lejn ekonomija u soċjetà newtrali għall-klima.

Permezz tal-ħidma importanti tagħhom, il-ħames rebbieħa tagħna qed iħeġġu investimenti sostenibbli u jixħtu dawl fuq ir-rwol ta' valur tal-ġenerazzjonijiet iktar anzjani; qed jindirizzaw il-faqar enerġetiku billi jagħtu vuċi lill-foqra fl-enerġija; qed jagħmlu l-ekonomija ċirkolari fuq il-post filwaqt li fl-istess ħin jippromovu b'mod attiv il-ġustizzja soċjali; qed jiġġieldu t-tiħin urban billi jniedu applikazzjonijiet inventivi u interattivi jew il-aqqgħu flimkien l-atturi kollha fit-tranżizzjoni enerġetika, fejn jimbuttawhom biex ikollhom dibattiti ta' stoffa u jsibu soluzzjoni plawżibbli.

Fiċ-ċerimonja tal-premjazzjoni li saret fid-9 ta' Diċembru fi Brussell, għalhekk ħassejtni tabilħaqq privileġġjat li jkolli l-unur li nagħti l-premji lill-ħames rebbieħa tagħna. F'din il-ħarġa tista' taqra aktar dwar il-proġetti fantastiċi tagħhom u tista' ssir tafhom b'mod iktar personali fl-intervisti li għamilna magħhom. Ser nibdew inxandru podcast fejn kull wieħed minnhom ser jgħidilna dwar il-pjani futuri tagħhom u kif il-premju tal-KESE mmotivahom biex ikomplu b'ħidmiethom.

F'din il-ħarġa tistgħu taqraw ukoll dwar wieħed mir-rebbieħa tal-Premju għas-Soċjetà Ċivili tal-2020 li ngħata premju tal-klima prestiġġjuż fir-Renju Unit. Emożżjonajna ruħna speċjalment meta smajna kif il-premju tal-KESE għamel differenza għalihom, għaliex ippermettielhom ikomplu bil-proġetti tagħhom u jibdew proġetti ġodda, li minħabba fihom qed jiġu mfaħħra u rikonoxxuti. Dan jagħmilna mhux biss kburin iżda wkoll dejjem iżjed determinati li nkomplu l-premju tagħna u li nixħtu dawl fuq il-ħidma fantastika li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u individwi qed jagħmlu fuq il-post rigward diversi kwistjonijiet u madwar l-Unjoni Ewropea tagħna!

Nixtiqilkom il-qari t-tajjeb u ftakru – kollha kemm aħna rrid nikkontribwixxu għal din il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, ikun kemm ikun zġħir jew kbir l-isforz jew is-sagrifiċċju tagħna. Aħna lkoll

parti mis-soluzzjoni, ejjew nieqfu nkunu parti mill-problema!

Cillian Lohan

Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni

IL-PREMJU GĦAS-SOĠJETÀ ĊIVILI 2021 FIL-MIDJA

Hawnhekk hawn ġabra ta' għadd ta' titli li dehru fil-midja sal-lum dwar il-Premju għas-Soċjetà Ċivili 2021.

Il-Belġju – De wereld morgen: [Grootouders voor het Klimaat wint belangrijke Europese prijs](#)

Il-Bulgarija – Politika: [Асоциация на пенсионери получи европейска награда за гражданско общество и опазване на климата](#)

Il-Kroazja – Tportal.hr: [U Nagradu civilnog društva posvećenu klimi osvojila je belgijska udruga “Bake i djedovi za klimu”](#)

L-Italja – Apiceuropa: [Premio CESE per la società civile 2021](#)

Spanja – El Diario: [Las asambleas contra la pobreza energética en Barcelona, premiadas por la UE](#)

Ir-Rumanija – Bursa: [Tara noastră a fost premiată de Comitetul Economic și Social European pentru implicarea în acțiuni climatice](#)

NEW PUBLICATIONS

[Ara l-proġetti tal-Premju għas-Soċjetà Ċivili 2021](#)

Tista' tara l-vidjo dwar il-proġetti rebbieħa hawn.



Lejn tranżizzjoni ?usta – fejn hemm rieda, hemm soluzzjoni ...

Il-KESE ppubblika fuljett dwar il-ħames rebbieħa tal-Premju tiegħu għas-Soċjetà Ċivili 2021. Dawk li jixtiequ jkunu jafu aktar ser isibu wkoll fatti interessanti dwar ħafna proġetti klimatiċi oħra mill-aqwa li rċevjuna, flimkien ma' ħafna informazzjoni ta' sfond dwar il-ħidma tal-KESE b'rabta mal-klima u dwar il-premjju nnifsu.

Tista' tniżżel il-fuljett minn:

<https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/files/qe-01-21-440-en-n.pdf>

(II)

A?BARIJET TAL-KESE



Il-Premju tal-KESE g?as-So?jetà ?ivili 2021 dwar l-azzjoni klimatika jing?ata lill-asso?jazzjoni Bel?jana Grootouders voor het Klimaat (Nanniet g?all-Klima)

Fid-9 ta' Diċembru, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ippremja lil ħames organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li l-proġetti klimatiċi kreattivi u ta' ispirazzjoni tagħhom jippromovu tranżizzjoni ġusta u ekoloġika għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

Il-premjju ta' EUR 50 000 tqassam bejn il-ħames proġetti rebbieħa. L-assoċjazzjoni Belġjana Nanniet għall-Klima rebħet l-ewwel premju ta' EUR 14 000. L-erba' assoċjazzjonijiet l-oħra rċevew EUR 9 000 kull waħda.

L-erba' finalisti kklassifikaw f'dan l-ordni: l-assoċjazzjoni Katalana tal-Inġiniera Mingħajr Fruntieri (Spanja); l-assoċjazzjoni Rumena Workshop Mingħajr Fruntieri; l-istudio tal-ippjanar urban Sloven Prostoroz; u n-network ta' NGOs Estonjani – Moviment Ekoloġiku Estonjan/Fond Estonjan għan-Natura u ċ-Ċentru tal-Liġi Ambjentali tal-Estonja.

Matul iċ-ċerimonja tal-ġotti tal-premji li saret online u fi Brussell, il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, ferħet lill-ħames rebbieħa u lill-kandidati kollha li applikaw: *"Il-proġetti li rċevjuna juru valur u kreattività f'diversi oqsma relatati mal-klima. Aħna nemmnu bis-sħiħ li proġetti bħal dawn se jgħinu biex jinkisbu n-newtralità klimatika u tranżizzjoni ġusta. Bħala sostenitur b'saħħtu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-KESE huwa*

għalkollox konvint li jeħtieġ li ċ-ċittadini u n-negozji jitmexxu fil-qalba tat-tranżizzjoni ekoloġika u li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura."

Il-Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni, **Cillian Lohan**, qal: *"Biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima hemm bżonn li l-partijiet kollha tas-soċjetà jipparteċipaw b'mod attiv. U jeħtieġ li ngħaddu mill-konsultazzjoni u impenn minn fuq għal isfel għal mudell ta' kodiċi, kokreazzjoni u awtonomizzazzjoni. Stejjer pożittivi bħall-proġetti tar-rebbieħa tagħna jagħtu xhieda ta' dan il-kodiċi u l-kokreazzjoni. Dawn il-proġetti jinkludu wkoll lin-nies u lill-organizzazzjonijiet. Din ir-rikkezza ta' ideat tagħtina tama li l-għieda kontra t-tibdil fil-klima mhijiex mitlufa."*

IR-REBBIEĦA TAL-PREMJU GĦAS-SOĊJETÀ ĊIVILI 2021

Ir-rebbieħa ta' dis-sena hija assoċjazzjoni ta' nanniet mir-Reġjun Fjamming tal-Belġju. **L-assoċjazzjoni Grootouders voor het Klimaat (Nanniet għall-klima)** tgħid li l-għan tagħha huwa li tħalli dinja aħjar u aktar sostenibbli għan-neputijiet tal-membri. Bil-kampanja tagħha *It-tfaddil tagħna għall-futur tagħhom*, l-assoċjazzjoni ttejjeg lin-nanniet Belġjani, li jirrappreżentaw madwar 2,4 miljun persuna, biex jifgħu t-tfaddil tagħhom, li jammonta għal madwar EUR 910 biljun f'assi, fi proġetti aktar sostenibbli.

Il-kampanja hija mmirata wkoll lejn is-settur finanzjarju u l-gvern, ttejjeg imġiba sostenibbli mill-investituri u mill-istituzzjonijiet u tappella biex dawn jagħmlu l-qabża lejn finanza sostenibbli. Tappromovi wkoll il-litteriżmu finanzjarju fost l-istudenti. L-assoċjazzjoni trid tenfasizza r-rwol essenzjali li jistgħu jaqdu l-anzjani fl-azzjoni klimatika.

Huwa u jaċċetta l-premju, il-kelliem tal-assoċjazzjoni Grootouders voor het Klimaat, **Guy De Koninck**, qal: *"Huwa unur għalina li qed nirċievu dan il-premju flimkien ma' erba' proġetti eċċellenti oħra. Ninsabu mħassba dwar il-pjaneta. Smajna l-bikja taż-żgħażaġh u ngħaqadna mal-mixjet tagħhom għall-futur. Jekk il-flus idawwru d-dinja, id-dinja issa qed iddur fid-direzzjoni l-ħażina. Jeħtieġ li ndawruha fid-direzzjoni t-tajba u dan huwa l-għan tal-kampanja tagħna. Il-flus li għandna jistgħu jikkontribwixxu għall-bidla. Dan huwa l-messaġġ li bgħatna lill-gvernijiet, lill-banek u lin-nanniet l-oħra. Li rbaħna dal-premju huwa ta' appoġġ morali u finanzjarju importanti għall-kampanja tagħna."*

Ir-rebbieħa tat-tieni premju hija l-assoċjazzjoni Spanjola **Associació Catalana Enginyeria Sense Fronteres** (Assoċjazzjoni Katalana tal-Inġiniera Mingħajr Fruntieri). Fi żmien meta 11 % tal-unitajiet domestiċi Spanjoli qed jitħabtu mal-faqar enerġetiku, din l-assoċjazzjoni Katalana qed tiġġieled għall-ġustizzja klimatika abbażi tad-drittijiet tal-bniedem. L-assoċjazzjoni tinkludi lil dawk il-persuni li qed jiffaċċjaw il-faqar enerġetiku f'dibattiti kontinwi dwar l-emerġenzi klimatiċi u l-għan tagħha huwa li tawtonomizza lill-persuni żvantaġġati biex jeżerċitaw id-dritt fundamentali tagħhom li jkollhom aċċess għal utilitajiet bażiċi.

L-assoċjazzjoni Rumena **Ateliere Fara Frontiere** (Workshop Mingħajr Fruntieri) rċeviet it-tielet premju. Il-proġett *educlick* tagħha jindirizza l-inġustizzja soċjali u jissensibilizza dwar il-vantaġġi tal-ekonomija ċirkolari. L-assoċjazzjoni timpjega persuni marġinalizzati biex jirrinovaw l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku. Hija tagħmel ukoll donazzjonijiet ta' tagħmir lil skejjel f'żoni żvantaġġati u lil organizzazzjonijiet li jaħdmu ma' tfal vulnerabbli.

Ir-raba' premju ngħata lill-istudio tal-ippjanar urban Sloven **Prostorož**, li mmobilizza lir-residenti tal-belt kapitali tas-Slovenja, Ljubljana, biex jaġixxu kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima f'belthom – waħda mill-bliet tad-dinja fejn it-tiħin qed iseħħ b'rata mgħaġġla. Il-proġett *Hot Spots* stieden lin-nies jimmarkaw l-aktar postijiet sħan tal-belt fuq mappa diġitali u rċieva kontribut kbir dwar x'irid isir biex tiġi evitata s-sħana żejda.

Il-ħames premju ngħata lin-network ta' NGOs Estonjani [Estonian Green Movement/Estonian Fund for Nature](#) u l-[Estonian Environmental Law Centre](#) li qed jiġġieled għal bidla fil-perċezzjonijiet dwar l-enerġija rinnovabbli f'pajjiż li għandu waħda mill-ikbar impronta tal-karbonju fl-UE. In-network ħoloq pjattaforma għal djalogu bejn il-partijiet kollha dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija fil-Grigal tal-Estonja, fejn l-industrija taż-żejt tax-shale ser ikollha tiġi eliminata gradwalment, proċess li ma ntlaqax b'ħafna entużjażmu.

DWAR IL-PREMJU GĦAS-SOĊJETÀ ĊIVILI 2021

It-tema ta' din is-sena – *Azzjoni Klimatika* – ġibdet għexieren ta' kandidati minn 24 pajjiż. Kien hemm firxa wiesgħa ta' proġetti li ġew sottomessi, u li enfasizzaw approċċi innovattivi li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-individwi qed jimplementaw biex jindirizzaw l-emerġenza klimatika.

Il-premju wera r-rwol kritiku li jaqdi l-livell lokali biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050, kif imwiegħed mill-UE fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-KESE jittama li l-premju tiegħu jħeġġeġ lis-soċjetà ċivili tikkontribwixxi biex l-ekonomiji lokali jsiru aktar ekoloġiċi u biex jinbidlu r-regoli, l-imġiba u s-sistemi li wassluna fix-xifer tal-kriżi klimatika.

Il-Premju għas-Soċjetà Ċivili jingħata għal “eċċellenza f'inizjattivi tas-soċjetà ċivili”. Kull sena, il-premju jkopri aspekk differenti tal-ħidma tal-KESE. It-tema fl-2019 kienet l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Fl-2020, il-KESE nieda Premju ta' darba għas-Solidarjetà Ċivili, li kien iddedikat għall-ġlieda kontra l-COVID-19.

Aktar informazzjoni dwar il-Premju għas-Soċjetà Ċivili tal-2021 hija disponibbli [hawnhekk](#). (II)



Kont taf?

- Ir-rebbieħa tal-Premju għas-Soċjetà Ċivili 2021, l-assoċjazzjoni “Nanniet għall-Klima”, għandha ħafna ambaxxaturi li jappoġġjaw il-ħidma tagħha. Ħafna minnhom huma magħrufa sew, iżda l-ambaxxatriċi l-aktar famuża tagħha hija Jane Goodall, ir-riċerkatriċi legendarja tax-ximpanzi u l-esperta ewlenija fid-dinja dwar l-ispeċi. Is-Sinjura Goodall intgħażlet bħala

l-100 ambaxxatriċi tan-“Nanniet għall-Klima” f'Ottubru 2020.

- Kull kompjuter li, minflok jintrema', jiġi rikondizzjonat, jiffranka 144 kg ta' CO₂. Bejn l-2008 u l-2021, ir-rebbieħ Rumén tagħna, “Workshop mingħajr fruntieri”, irrikondizzjona u ta kważi 25 000 kompjuter – ipprova kkalkula kemm iffrankaw kg ta' CO₂ s'issa!

- Il-proġett “Hot Spots” tar-rebbieħ Sloven tagħna jindirizza l-gżejjer ta' sħana urbana f'Ljubljana li, kif urew il-projezzjonijiet urbani reċenti, hija destinata li ssir il-belt li qed tisħon l-aktar malajr fid-dinja. Skont il-projezzjonijiet, it-temp f'Ljubljana fl-2050 se jkun jixbah lil dak ta' Virginia Beach, l-Istati Uniti. L-istess destin jistenna lill-Ewropa Ċentrali kollha u lill-Balkani, li huma mistennija li jaraw l-aktar żidiet notevoli fit-temperatura, bil-klima fir-reġjun issir tixbah lil dik tal-bliet ta' Texas fl-Istati Uniti.

- L-assoċjazzjoni Spanjola “Inġiniera mingħajr fruntiera Katalonja” tiġġieled kontra l-faqar enerġetiku, billi tagħti vuċi lil dawk li jbatu l-faqar enerġetiku, li jirrappreżentaw il-11 % tal-unitajiet domestiċi Spanjoli kollha. L-ċifri juru li aktar nies Spanjoli jmutu qabel iż-żmien minħabba l-faqar enerġetiku milli bl-inċidenti tal-karozzi. Fl-2019, l-għadd ta’ Ewropej li jmutu kull sena minħabba dar kiesħa kien ta’ 100 000, u aktar minn 50 miljun persuna kienu qed jgħixu fi djar b’saqaf li jqattar, u b’ħitan jew artijiet umdi. L-istess sena, qrib it-80 miljun persuna fl-UE ħallu l-kontijiet tal-utilità tagħhom tard jew ma felħux iħallsuhom.

- Ir-rebbieħ tagħna, in-network ta’ NGOs ambjentali Estonjani, qed jippromovi l-bidla lejn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli billi jorganizza djalogi kostruttivi bejn il-partijiet interessati kollha. Il-pijunier tal-UE fil-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli huwa l-lżvezja, għalkemm kemm in-Norveġja kif ukoll l-Iżlanda s’issa kellhom sehem oġġla ta’ sorsi rinnovabbli fil-provvista tal-enerġija primarja, filwaqt li Malta tinsab fil-qiegħ tal-lista mill-pajjiżi kollha tal-UE.



A?barijiet ming?and rebbie?a pre?edenti

Missjoni ta’ tnaqqis tal-iskart: xejn ġdid fit-22

Waħda mir-rebbieħa tas-sena l-oħra tal-Premju tal-KESE għas-Solidarjetà Ċivili, Cherwell Collective mir-Renju Unit, għadha kif ingħatat premju prestiġjuż għall-klima fir-Renju Unit għall-proġett il-ġdid tagħha tal-ekonomija ċirkolari. Din il-kumpanija bbażata f’Oxford u mingħajr skop ta’ qligħ rebħet il-premju tagħna fl-2020 għall-forniment ta’ ikel lir-residenti fil-bżonn matul il-COVID, u t-tagħlim li tathom dwar kif ikabbru l-ikel

tagħhom stess u jagħmlu l-aħjar użu mill-ikel żejjed kollu.

Minn dak iż-żmien ‘l hawn, huma użaw il-flus tal-premju tal-KESE biex iżidu l-appoġġ tagħhom għall-persuni vulnerabbli, iżda wkoll biex jimxu ‘l quddiem fil-missjoni tagħhom li jnaqqsu l-impronta tal-karbonju tal-komunità tagħhom. Huma saru s-sieħeb ewlieni fil-proġett il-ġdid ‘Waste Innovation Station Headquarters (WISH) f’Oxfordshire, ir-Renju Unit.

Il-proġett huwa viżjoni ta’ ekonomija ċirkolari fejn ma jinx tara xejn ġdid sakemm jiġu eżawriti l-għażliet kollha biex l-oġġetti jinżammu fiċ-ċirkolazzjoni. Diġà beda, b’kampanja intitolata ‘Nothing new in 22’ (Xejn ġdid fit-22), li titlob lill-individwi biex jagħmlu wegħda, f’industrija waħda biss, biex ma jixtru xejn ġdid fl-2022. Il-proġett diġà ltaqa’ b’entużjażmu kbir u kiseb rikonoxximent wiesa’ fir-Renju Unit. Fil-25 ta’ Jannar Cherwell Collective irċeviet flus mill-Fond ta’ Azzjoni Klimatika tal-Komunità Nazzjonali tal-Lotteriji, li se jiffinanzja l-proġett WISH.

Il-fundatur ta’ **Cherwell Collective, Dr Emily Connally**, tkellmet mal-KESE dwar id-differenza enormi li għamel dan il-premju tal-KESE meta ngħata lil din il-kumpanija mingħajr skop ta’ qligħ.

“Il-premju tal-KESE kien parti mill-ispirazzjoni għall-proġett li jmiss tagħna, u jservi bħala komplement għall-finanzjament meħtieġ għal din il-ħidma. Inħoss li ma stajniex nirnexxu mingħajr il-bibien li fetħilna dan il-

premju tal-KESE. Bħala kumpanija ġdida, tana l-leġittimità u r-rikonoxximent għall-innovazzjoni tagħna. Offrielna fondi mingħajr restrizzjonijiet sabiex stajna nsaqsu lill-komunità x'riedu. Iffrankajna dawk il-fondi u ntużaw biex inseguw x-xewqat tal-utenti tagħna", qalet **Dr Connally**.

Fl-istħarriġiet li saru, l-utenti żvelaw li ma kien hemm l-ebda kunsens dwar il-ħtieġa għal oġġetti tal-ikel speċifiċi, iżda pjuttost xewqa komuni li jirċievu "kwalunkwe ħaġa oħra li kienet se tintrema".

F'konformità max-xewqat tagħhom, **Cherwell Collective** u l-imsieħba tagħha ħarġu bil-proġett WISH, li jilħaq aktar minn 50 000 persuna kollettivament u huwa mfassal biex jiggwida lill-komunità lejn impronta tal-karbonju imnaqqsa permezz ta' sensibilizzazzjoni u dimostrazzjonijiet dwar kif jitnaqqas l-iskart.

WISH għandu wkoll mużew tax-xjenza interattiv, fejn kull wirja ssir mill-iskart, tinforma lill-pubbliku dwar l-impronta tal-karbonju ta' dak l-iskart, u tipprovi dimostrazzjonijiet kif ukoll kits tad-DIY għat-tnaqqis tal-iskart, it-tiswija tal-oġġetti, u t-tnaqqis tal-konsum/id-domanda għal linji ta' produzzjoni ġodda.

"Nitolbu lin-nies biex iwieġħdu li jappoġġjaw ekonomija ċirkolari. Biex isewwu jew jagħtu skop ġdid lill-oġġetti, biex jgħaddu l-oġġetti tagħhom stess lil oħrajn, u fuq kollox, biex jirreżistu t-tentazzjoni li jixtru oġġetti ġodda meta hemm tant oġġetti disponibbli fil-pussess ta' oħrajn," qalet **Dr Connally**.

Nifirhulkom, Emily u Cherwell Collective! Il-KESE huwa kburi bikom, u b'umiltà ninsabu kuntenti li stajna nikkontribwixxu għall-proġett fantastiku tagħkom!

MINN FOMM IR-REBBIE?A



[In?allu warajna legat sostenibbli](#)

"Grootouders voor het Klimaat" (Nanniet għall-Klima) jaħsbu li dawk li għandhom 'il fuq minn 55 sena għandhom rwol ewlieni fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima - il-proġett rebbieħ tagħhom "It-Tfaddil tagħna għall-Ġejjieni tagħhom" iħeġġeġ lill-anzjani

jinvestu flushom b'mod għaqli għall-ġid tal-pjaneta tagħna u jħallu dinja aħjar u aktar sostenibbli għan-neputijiet tagħhom. "In-nanniet" issa qed jaħdmu fuq proġetti eċċitanti oħrajn li kollha jippromovu s-solidarjetà interġenerazzjonali u l-investment sostenibbli.

KESE info: X'ħeġġiġkom tibdew il-proġett jew l-inizjattiva tagħkom?

Guy De Koninck: L-għarfien, bħala persuni li għandna 'l fuq minn 55 sena, tar-responsabbiltà tagħna għall-klima u tas-saħħa tal-kapaċità finanzjarja kollettiva tagħna biex nikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija li ma tagħmilx ħsara lill-klima. Huwa diffiċli li nkunu nafu kif jintuża eżattament dan il-kapital,

jiġifieri l-flus mfaddlin tagħna, u huwa diffiċli għalina bħala klijenti li neżerċitaw influwenza fuq dan. Fl-istess ħin, is-soċjetà teħtieġ kapital sabiex tirristruttura lilha nnifisha skont prinċipji aktar sostenibbli. Dawn iż-żewġ mekkaniżmi jistgħu jiġu kkoordinati aħjar.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Irċevejtu xi feedback min-nies li għenuk? (Tista' tagħtina xi eżempju, jekk għandek?)

Il-kampanja li wettaqna kienet appoġġjata sew mill-istampa u minn assoċjazzjonijiet tal-anzjani, bħal NEOS, li organizzaw sessjoni ta' ħidma magħna u inkludew pubblikazzjoni fir-rivista tal-membri tagħhom. Il-punti li qajjimna u d-diskussjonijiet dettaljati mas-settur finanzjarju u l-ministri kienu apprezzati ferm.

Kif se tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex ttiprovdu aktar għajnuna fil-komunità? Diġà qed tippjanaw xi proġetti ġodda?

Bħalissa qed naħdmu fuq gwida dwar l-investment sostenibbli, sessjoni ta' ħidma interġenerazzjonali għall-edukazzjoni sekondarja, u kooperazzjoni ma' NGOs oħrajn. Irridu niżviluppaw aktar il-kampanja bi preżentazzjonijiet u sessjonijiet ta' ħidma għall-assoċjazzjonijiet tal-anzjani u l-iskejjel, u nippromovuhom u nappoġġjawhom b'mod aktar wiesa'. Qed nikkunsidraw ukoll forom alternattivi ta' tixrid ta' tagħrif, bħal board game u verżjoni bil-Franċiż tal-kampanja.

X'parir tagħti lil organizzazzjonijiet oħra dwar il-kisba ta' riżultati minn attivitajiet u programmi bħal dawn?

Stabilixxu tim kompetenti u entużjast għall-kampanja, u għamlu biżżejjed riċerka biex issostnu l-messaġġ tagħkom. Żguraw li l-għarfien espert tat-tim tiegħek huwa rikonoxxut, iżda kkomunikaw permezz ta' kanali modern sabiex tilħqu l-iżjed livelli bażiċi tas-soċjetà.

Kemm intom ottimisti dwar il-prospetti tal-UE biex tilħaq l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku?

Dan huwa kontribut storikament importanti għat-tranżizzjoni ekoloġika. L-akbar sfida hija li l-oġettivi jitpoġġew fil-prattika. Bħala nanniet, nixtiequ nikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika.



[S?ana fil-Belt](#)

B'kurżità biex jitgħallem dwar kif ir-residenti ta' Ljubljana ħassewhom dwar is-sħana żejda f'belthom u b'riżultat tal-frustrazzjoni minħabba n-nuqqas ta' azzjoni mill-awtoritajiet muniċipali biex jagħmlu xi ħaġa dwarha, l-istudio urban Prostoroz nieda l-proġett *Hot Spots* u stieden liċ-ċittadini

jidentifikaw l-aktar postijiet sħan tal-belt fuq mappa diġitali. B'sorpriża, il-proġett kellu rispons qawwi mir-residenti u l-midja, bi proposti konkreti dwar kif għandha tiġi indirizzata s-sħana urbana żejda. Zala Velkavrh minn Prostoroz taqsam magħna s-sigriet tas-suċċess tal-proġett, kif ukoll il-pjani futuri tal-istudio.

EESC info: X'ħeġġiġkom tibdew il-proġett jew l-inizjattiva tagħkom?

Zala Velkavrh: Nofs l-inizjattiva tagħna bdiet minħabba frustrazzjoni u n-nofs l-ieħor b'kurżità. Minkejja l-fatt li l-effetti tat-tibdil fil-klima u l-effetti għira ta' sħana urbana kienu magħrufa tajjeb mill-gvern muniċipali, ma tantx ittieħdu miżuri. Min-naħa l-oħra, konna kurjużi biex naraw jekk u kif iċ-ċittadini ta' Ljubljana esperjenzaw is-sħana urbana fis-sajf.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu? (Tistgħu ttuna xi eżempju, jekk għandkom?)

Fl-oqna app sempliċi ħafna fuq l-internet u konna qed nistennew rispons limitat. Iżda b'sorpriża, ir-residenti ta' Ljubljana kif ukoll il-midja wrew interess u nġhaqdu mal-inizjattiva. F'inqas minn tliet ġimgħat iċ-ċittadini żiedu 700 hot spot (postijiet jaħarqu fil-belt)!

Kif beħsiebkom tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex tipprovdu aktar għajjuna lill-komunità? Diġà qed tippjanaw proġetti ġodda?

Se ninvestuh lura fil-belt ta' Ljubljana. Waħda miż-żoni fejn l-effett għira ta' sħana urbana huwa partikolarment problematiku hija ċ-ċentru kliniku universitarju, l-akbar ċentru mediku fil-pajjiż. B'każ tal-COVID-19, l-ispazju pubbliku madwar il-kliniċi għandu użu ġdid – sar spazju ta' stennija, spazju fejn il-ħaddiema jqattgħu l-pawżi tagħhom u, fi żminijiet meta l-għadd ta' infezzjonijiet tal-COVID-19 kien aktar baxx milli hu fil-preżent, serva wkoll ta' spazju fejn il-pazjenti ltaqgħu ma' qrabathom. Irridu naħdmu mal-belt ta' Ljubljana, rappreżentanti tal-kliniċi, pazjenti u ħaddiema mill-qasam tas-saħħa biex tal-inqas intejbu xi mikrospace biex ikunu aktar friski.

X'parir tista' tagħti lil organizzazzjonijiet oħrajn biex jiksbu r-riżultati f'attivitajiet u programmi ta' dan it-tip?

Minflok nitkellmu dwar il-ġejjieni, ippruvajna nifhmu kif iċ-ċittadini qed jesperjenzaw l-effetti tat-tibdil fil-klima fil-preżent. Użajna lingwaġġ komuni u ffukajna fuq l-esperjenza (ħajja) ta' kuljum ta' persuni bil-mixi, ċiklisti u utenti oħrajn tal-ispazji pubbliċi, u r-rispons kien tajjeb ħafna. It-tibdil fil-klima m'għadux theddida astratta.

Kemm intom ottimisti dwar il-prospetti tal-UE biex tikseb il-miri tal-Patt Ekoloġiku?

Pessimisti ħafna, minħabba l-iżviluppi tas-sena l-ġdida fir-rigward tal-Enerġija Ekoloġika u l-fatt li l-ebda pajjiż tal-UE ma kiseb il-miri stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi.



Nid?lu fix-Xena

Tliet NGOs Estonjani - il-Moviment Ekoloġiku Estonjan, il-Fond Estonjan għan-Natura u ċ-Ċentru Estonjan tal-Liġi Ambjentali - xebgħu jisimgħu l-istess skużi u ddeċidew li jidħlu fix-xena u jlaqqgħu flimkien partijiet ikkonċernati differenti għal dibattitu dwar tranżizzjoni ġusta f'pajjiż li għandu waħda mill-akbar

impronti tal-karbonju fid-dinja. Il-proġett ta' komunikazzjoni tagħhom iffoka fuq ir-reġjun tal-Grigal fejn ix-shale bituminuż għadu meqjus bħala l-aqwa fost il-fjuwils u fejn il-biċċa l-kbira tal-impjiegi tiddependi fuq l-industrija tax-shale bituminuż, li se jkollha titneħħa gradwalment. Ma kienx se jkun dibattitu faċli, iżda r-riżultati kienu inkoraġġanti.

EESC info: X'ħeġġiġkom tibdew il-proġett jew l-inizjattiva tagħkom?

Madis Vasser: Il-movimenti ambjentali Estonjani kienu ilhom għal għexieren ta' snin jappellaw għat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili, iżda t-talbiet dejjem intlaqqgħu bl-istess skużi - xi ngħidu dwar l-impjiegi? xi ngħidu dwar l-ekonomija? huwa diffiċli wisq, min għandu jkun responsabbli? eċċ. Għalhekk fl-2018 tliet NGOs iddeċidew li jniedu proġett konġunt biex imexxu djalogu sinifikanti bejn il-partijiet interessati kollha dwar tranżizzjoni ġusta 'l bogħod mill-fjuwil fossili ewlieni tagħna, li huwa shale bituminuż.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu? (Tistgħu tagħtuna xi eżempju, jekk għandkom?)

Intlaqa' tajjeb - fil-fatt rappreżentanti minn kull naħa ġew flimkien biex jiddiskutu l-kwistjonijiet. Kif irrakkonta rappreżentant ta' municiipalità fir-reġjun tal-minjieri tax-shale bituminuż aktar tard, kien qed jistenna laqgħa ambjentali oħra inutli, iżda l-avveniment kien fil-fatt tassew sinifikanti.

Matul u wara l-proġett kellna kuntatti mill-qrib ma' nies lokali, rappreżentanti tal-industrija u uffiċjali tal-gvern - parzjalment minħabba dan in-networking, l-Estonja kienet waħda mill-ewwel Stati Membri li ffinalizzaw il-pjan territorjali tagħhom ta' tranżizzjoni ġusta għall-fond ta' tranżizzjoni ġusta.

Kif beħsiebkom tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex tipprovdu aktar għajjnuna lill-komunità? Diġà qed tippjanaw proġetti ġodda?

Se nużaw il-fondi biex nespandu xi wħud mill-attivitajiet mill-proġett inizjali, bħall-koordinazzjoni ta' network kbir ta' NGO dwar il-klima li jrawwem il-kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet lokali dwar kwistjonijiet tal-klima.

L-appoġġ qed jintuża wkoll għall-iżvilupp ta' proġetti ta' segwitu, li issa huma ffukati aktar fuq il-livell lokali.

X'parir tista' tagħti lil organizzazzjonijiet oħrajn biex jiksbru r-riżultati f'attivitajiet u programmi ta' dan it-tip?

Kif iddikjarat tajjeb sessjoni ta' taħriġ mill-programm EUKI: "idħol fix-xena" u "ħaddan il-kunflitt". Dan ifisser li m'għandekx tibża' tavviċina lil partijiet interessati differenti, peress li bħalissa jista' jkun eżattament iż-żmien li jkunu qed jaħsbu fuq l-istess linji bħalek.

Iżda fl-istess ħin trid tiftakar li xi partijiet interessati jistgħu ma jafdawx lil xulxin għall-ewwel, jew ikollhom ideat differenti ħafna dwar l-aħjar riżultati ta' din il-kooperazzjoni, għalhekk ipprepara għal kunflitti bħal dawn u aħdem permezz tagħhom minflok tevita l-kwistjonijiet.

Kemm intom ottimisti dwar il-prospetti tal-UE biex tikseb il-miri tal-Patt Ekoloġiku?

Naħseb li fl-aħħar mill-aħħar l-istat tal-ambjent se jgħegħilna l-ewwel inkunu saħansitra aktar ambizzjużi minn issa, u mbagħad nilħqu dawn il-miri permezz ta' bidliet aktar sistematiċi fl-istili tal-ħajja u l-mudelli ta' konsum, peress li m'hemm l-ebda mod ieħor fattibbli biex intaffu l-aġar effetti tal-kriżi ekoloġika u klimatika.



[Soluzzjoni li minnha jgawdi kul?add proposta mir-Rumanija](#)

Il-proġett eċċellenti “educlick” tal-Ateliere Fără Frontiere (Uffiċċji mingħajr fruntieri) tar-Rumanija jgħaqqad tnejn mis-suġġetti jaħarqu tal-lum - il-ġustizza soċjali u l-ekonomija ċirkolari - b'mod impressjonanti: dan il-proġett jimpjega persuni

minn sfondi vulnerabbli biex jirrikondizzjonaw l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku. Ladarba jiġi rikondizzjonat, it-tagħmir imbagħad jingħata lil skejjel f'żoni żvantaġġati. Costin Dragne mill-NGO jgħidilna aktar dwar il-proġett, u xi jfisser il-Premju tal-KESE għall-ħidma tagħhom.

KESE Info: X'hegħiġkom tibdew il-proġett tagħkom?

Costin Dragne: educlick, l-ewwel workshop tal-Ateliere Fără Frontiere, inħoloq fl-2008 biex jindirizza żewġ kwistjonijiet soċjali u ambjentali: il-possibbiltajiet baxxi li jiġu impjegati l-persuni minn sfondi vulnerabbli u n-numru għoli ta' tagħmir elettriku u elettroniku li jispiċċa jintrema, mingħajr ma jgħaddi minn proċess ta' riċiklar jew ta' użu mill-ġdid.

Il-programm ta' donazzjoni tal-kompjuter li nmexxu llum mal-iskejjel fil-pajjiż jindirizza dawn iż-żewġ kwistjonijiet soċjali direttament: jappoġġja l-edukazzjoni f'żoni żvantaġġati u fl-istess ħin, jippromovi l-kunċess ta' użu mill-ġdid, proċess li huwa bil-qabda aktar tajjeb għall-ambjent, b'impronta tal-karbonju aktar baxxa.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu? (Tistgħu ttuna xi eżempju, jekk għandkom?)

L-iskejjel, l-NGOs u l-istituzzjonijiet pubbliċi li jipparteċipaw fil-proġetti tagħna rreaġixxew b'mod pożittiv għas-sejħa tagħna. Bl-għajnuna tagħhom, matul it-13-il sena tal-attività tagħna, aħna ħloqna network ta' msieħba edukattivi li permezz tiegħu tajna aktar minn 23 000 kompjuuter lill-iktar minn 500 000 beneficijarju. Ħafna mill-imsieħba edukattivi li naħdmu magħhom ġibdulna l-attenzjoni għal tagħmir ieħor li jeħtieġu sabiex jibqgħu aġġornati mal-era tad-diġitalizzazzjoni: kopjaturi, proġetturi tal-vidjo, whiteboards interattivi, eċċ. Għalhekk, is-sena l-oħra bdejna niddiversifikaw l-attività tal-workshop u ppruvajna nintroduċu tipi ġodda ta' tagħmir fil-proċess ta' rikondizzjonar u donazzjoni lill-iskejjel.

Kif beħsiebkom tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex tipprovdu aktar għajnuna lill-komunità? Diġà qed tippjanaw proġetti ġodda?

It-tim diġà qiegħed jaħdem biex jorganizza proġetti ġodda sabiex fl-2022, aktar minn 200 skola fir-Rumanija jiġu attrezzati b'taġħmir diġitali rikondizzjonat fil-workshop educlick. Dan l-iffinanzjar speċifiku ser jintuża biex jiġu implimentati dawn il-proġetti, speċjalment biex tiġi modernizzata l-infrastruttura tal-workshop ta' rikondizzjonar (taġħmir ta' protezzjoni, materjal ta' loġistika, utensili, eċċ.).

X'parir tistgħu tagħtu lil organizzazzjonijiet oħrajn biex jiksbu r-riżultati f'attivitajiet u programmi ta' dan it-tip?

Nemmnu li l-mudell ta' negozju tagħna huwa wieħed li faċilment jista' jiġi replikat fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk aħna nhegħu lill-organizzazzjonijiet fi kwalunkwe post biex joħolqu sħubijiet sostenibbli mal-atturi privati u pubbliċi.

L-iktar pass importanti biex programmi bħal "educlick" ikollhom suċċess huwa l-kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet u kumpaniji li jridu jkollhom impatt pożittiv fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni billi jerġa' jintuża t-taġħmir tal-informatika mormi.

Kemm intom ottimisti dwar il-prospetti tal-UE biex tikseb il-miri tal-Patt Ekoloġiku?

L-impatt ambjentali pożittiv tas-soċjetà ċivili li rajna mill-kollegi tagħna f'pajjiżi oħra bla dubju għamilna aktar fiduċjużi fil-possibbiltajiet tal-UE li tikseb il-miri tal-Patt Ekoloġiku.

Sakemm nibqgħu nkomplu nippromovu u nitgħallmu mill-esperjenza ta' atturi oħra fis-settur ekoloġiku, għandna kull possibbiltà li l-UE tinbidel f'mudell ta' spazju li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

Personalment, li niġu t-tielet post fil-Premju tas-Soċjetà Ċivili jżid ix-xewqa tagħna li nikkontribwixxu iktar għal dan il-għan fis-snin li ġejjin, speċjalment issa li nafu li niġu appoġġjati u mhegħa mil-livell Ewropew.



Tis?i? tal-po?izzjoni ta' dawk li jinsabu f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku

Determinata li tbiddel il-perċezzjoni tan-nies li jesperjenzaw il-faqar enerġetiku bħala vittmi mingħajr għajnuna, l-assoċjazzjoni Katalana "Engineers Without Borders" bdiet torganizza assembleji kollettivi biex tagħti pjattaforma lil dawk bi ftit aċċess għall-enerġija jew l-ilma, u lil dawk li qed isibuha diffiċli biex

iħallsu l-kontijiet. Mònica Guiteras, f'isem l-assoċjazzjoni, qaltilna kif l-assembleji pprovdew spazju sikur u viċin dawn in-nies, sabiex huma jirrealizzaw li mhumiex vittmi, iżda pjuttost il-protagonisti u l-aġenti tal-bidla fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

EESC info: X'hegħiġkom tibdew il-proġett jew l-inizjattiva tagħkom?

Mònica Guiteras Blaya: L-impatt tal-faqar enerġetiku s'issa ġie indirizzat minn perspettiva ta' protezzjoni soċjali, li ta' spiss tirreferi għal dawk affettwati bħala vittmi, jew saħansitra bħala ħatja ta' konsum "ħażin". Aħna qiesna li kien meħtieġ li nintroduċu approċċ aktar trasversali, u nsaħħu l-pożizzjoni tal-familji li qed

jesperjenzaw faqar enerġetiku sabiex huma jsiru protagonisti u aġenti tal-bidla fit-tranżizzjoni tel-enerġija li għaddejja bħalissa.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu? (Tistgħu ttuna xi eżempju, jekk għandkom?)

Il-parteċipanti jqisu li din l-inizjattiva hija tant meħtieġa, għaliex ħafna drabi jħossuhom impotenti fil-konfront ta' kumpaniji kbar tal-provvista, jew jipperċepixxu l-approċċ tal-amministrazzjoni bħala wisq burokratiku. Assembleji kollettivi dwar il-faqar enerġetiku joffru lill-persuni kkonċernati spazju sikur, fil-qrib, fejn ħadd ma jiġi ġġudikat u ħadd ma jkun jaf aktar minn ħaddieħor. Huma spazji li jservu biex jinkiseb fehim aħjar dwar l-esperjenzi tal-persuni kollha, u jgħinuna biex ngħixu aħjar, b'aktar informazzjoni disponibbli u b'parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà.

Kif beħsiebkom tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex tipprovdu aktar għajnuna lill-komunità? Diġà qed tippjanaw proġetti ġodda?

Il-premjum huwa ta' għajnuna kbira sabiex inżidu l-kapaċità tal-proġett li jilħaq lin-nies. Għadna nsibu diffikultà biex nilħqu ħafna nies li jgħixu fil-marġni tas-soċjetà – dawk li lanqas biss jafu li jeżistu dawn l-assembleji. Il-premjum se jgħinna wkoll biex nilħqu lin-nies affettwati b'modi innovattivi u sinifikanti. Dan huwa aspett li kellna nivvintaw mill-ġdid waqt il-pandemija, organizzajna assembleji b'taħlita ta' preżenza fiżika u mill-bogħod. Wieħed mill-għanijiet prinċipali tagħna li stabbilixxejna permezz ta' dan ir-rikonoxximent u finanzjament, huwa li naħdmu fuq l-innovazzjoni, it-tixrid, u l-komunikazzjoni bil-għan li niġbru flimkien aktar nies li jappartjenu għal gruppi differenti.

X'parir tista' tagħti lil organizzazzjonijiet oħrajn biex jiksibu r-riżultati f'attivitajiet u programmi ta' dan it-tip?

Għalina kien importanti li nżommu kuntatt mill-qrib mal-organizzazzjonijiet ta' bażi, lil hinn mis-setturi li l-organizzazzjonijiet tagħna s-soltu jaħdmu fihom. Għalkemm aħna NGO ambjentali, f'dan il-proġett stabbilixxejna sħubijiet lokali ewlenin, flimkien ma' movimenti li għandhom l-għan li jiggarrantixxu akkomodazzjoni deċenti u ma' assoċjazzjonijiet tal-viċinat.

Kemm intom ottimisti dwar il-prospetti tal-UE biex tikseb il-miri tal-Patt Ekoloġiku?

Il-ġustizzja soċjali trid tkun essenzjali biex jinkisbu dawn il-miri, għaliex hija l-unika aspett li se tagħmel it-tranżizzjoni ġusta, kif ukoll ekoloġika. Bħala soċjetà, jeħtieġ li nagħmlu sforzi kbar biex ikollna impatt fuq il-gvernijiet u l-amministrazzjonijiet f'livelli differenti sabiex niksibu l-miri billi niggarrantixxu salvagwardji soċjali, kif ukoll il-parteċipazzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni taċ-ċittadini.

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributori għal din l-edizzjoni huma

Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Laura Lui (ll)
Agata Berdys (ab)
Kersten Thomas (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Katerina Serifi (ks)

Technical support
Bernhard Knobloch (bk)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffiċjali tal-?idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jog??bok irreferi g'all-?urnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b'ala s-sors u tintbag?at link lill-EDITOR.

02/2022